# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sittax (16) ta' Frar 2021**

**Rikors Numru 784/17 FDP**

Fl-ismijiet

**Claudine Tabone (ID 213377M)**

**Vs**

**Nutar Dr Joseph Raphael Darmanin, bħala Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti Eun Paul Mc Leod u Nial Mark Hamilton Mc Leod**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 28 ta' Awissu 2017, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet s-segwenti:

   1. *Illi l-intimati aħwa Mc Leod, jiġu ulied id-defunt Ian McKenzie Mc Leod li miet fis-7 ta' Lulju 2016. Illi permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dr. Daniel Caruana datat 6 ta' Ġunju 2016, l-intimati ġew nominati eredi universali tad-defunt missierhom. Ir-rikorrenti kien tħallielha legat f'dak it-testment u vettura;*

   2. *Illi pero' jingħad li l-imsemmi legat tħalla mingħajr ma d-defunt speċifika li dan kien qed jingħata bħala kumpens ta' dak li r-rikorrenti għamlet mad-defunt tul ħajtu għal numru ta' snin u dana billi hija għenet, għamlet serviġi u għamlet spejjeż mal-imsemmi defunt Ian Mc Kenzie McLeod u dana kif ser jirriżulta ampjament waqt is-smiegħ ta' dan ir-rikors. L-istanti dejjem tat u kompliet tirrendi serviġi u għamlet spejjeż u għenet lid-defunt tul ħajtu bl-isperanza u l-aspettattiva ta' ħlas;*

3. *Illi l-entita' ta' dak li għamlet ir-rikorrenti mad-defunt McLeod kienet xi ħaġa kbira tant li hija spiċċat weħidha l-uniku persuna li meta l-imsemmi defunt kien marid b'marda serja ħafna, kienet tieħu ħsiebu ta' kuljum kif ser jirriżulta;*

4. *Illi l-intimati ulied id-defunt ma' jgħixux hawn Malta u ma' kinux jgħixu Malta meta missierhom kien jgħix hawn fis-Siġġiewi. Illi huma kienu sporadikament, jiġu Malta fuq xi btala;*

5. *Minkejja li l-intimati bħala eredi universali ta' missierhom ġew interpellati sabiex jersqu għal likwidazzjoni u eventwali ħlas tal-kumpens għas-serviġi mwettaq ma' missierhom mir-rikorrenti tul is-snin, huma baqgħu inadempjenti;*

6. *Għalhekk kellha ssir dina l-kawża;*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti intimati għaliex ma' għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tiddikjara li r-rikorrenti wettqet serviġi u għajnuna lill-missier l-intimati Ian McKenzie McLeod u għalhekk jistħoqqilha l-ħlas ta' kumpens għal dak li hija għamlet ma' missierhom;*

2. *Tillikwida jekk ikun hemm bżonn bl-għajnuna ta' perit imqabbad, l-ammont xieraq li jirrapreżenta l-kumpens mistħoqq għal dawk is-serviġi;*

3. *Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti l-kumpens hekk likwidat;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax sal ħlas effettiv u b'hekk l-intimati minn issa nġunti għas-subizzjoni;*

2. Rat illi fl-14 ta' Novembru 2017, wara talba għal ħatra ta' Kuraturi Deputati da' parte tar-rikorrenti, il-Qorti appuntat lin-Nutar Joseph Raphael Darmanin bħala Kuratur Deputat wara nota tiegħu, datata 13 ta' Novembru 2017, illi biha talab li jassumi l-atti.

3. Rat ir-risposta tal-Kuratur Deputat Nutar Joseph Raphael Darmanin ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2017, fejn laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *Illi fl-ewwel lok, l-eċċipjenti jirrileva illi l-azzjoni odjerna hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-attriċi ġiet pjenament imħallsa għal kwalsiasi servizzi li hija tat lil Ian McKenzie, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

    2. *Illi di piu, u mingħajr preġudizzju għal premess, l-eċċipjenti jirrileva li l-attriċi aċċettat il-legat imħolli lilha ai termini tat-testment fl-atti tan-Nutar Daniel Caruana datat 6 ta' Ġunju 2016, u anke l-vettura, u għalhekk taċitament aċċetat id-disposizzjonijiet testamentarji li jirregolaw l-eredita ta' Ian McKenzie.*

3. *Illi di piu u mingħajr preġudizzju għal premess, l-eċċipjenti jirrileva li fi kwalunkwe każ, ma' hemm l-ebda ammont ta' kumpens li għandu jiġi likwidat.*

4. *Illi l-eċċipjenti jirrileva li kwalsiasi spejjeż ta' din il-proċedura għandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti.*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

**Provi**

4. Rat ix-xhieda ta' **Claudine Tabone** mogħtija fit-18 ta' Jannar 2017. (fol 25)

5. Rat l-affidavit ta' **Reuben Tabone**, hu r-rikorrenti, ippreżentat fit-28 ta' Frar 2018. (fol 32)

6. Rat ix-xhieda ta' **Maria Tabone**, omm ir-rikorrenti, mogħtija fit-28 ta' Frar 2018. (fol 34).

7. Rat ix-xhieda ta' **Fiona Camilleri**, impjegata ġewwa l-Oncology Centre f'Mater Dei, mogħtija fit-28 ta' Frar 2018. (fol 36)

8. Rat ix-xhieda ta' **Mario Scicluna**, Kuntistabbli tal-Pulizija, mogħtija fis-26 ta' April 2018. (fol 39)

9. Rat l-affidavit tar-rikorrenti ippreżentat fis-26 ta' April 2018. (fol 41)

10. Rat ix-xhieda tan-**Nutar Joseph Raphael Darmanin**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fit-12 ta' Ġunju 2018. (fol 46)

11. Rat illi fit-12 ta' Ġunju 2018 ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

12. Rat ix-xhieda tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin, mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2018.

13. Rat illi fil-11 ta' Ottubru 2019, dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti.

14. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Reuben Tabone, mogħtija fil-5 ta' Frar 2020. (fol 57)

15. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Claudine Tabone, mogħtija fil-5 ta' Frar 2020. (fol 70)

16. Semgħet ix-xhieda ta' **Paul Slater**, ħabib tad-defunt Ian Mc Kenzie Mc Leod, mogħtija in eżami u kontro eżami fit-30 ta' Settembru 2020.

17. Rat illi fl-24 ta' Novembru 2020, il-Kuratur Deputat ippreżenta dokumentazzjoni, u wara ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

18. Rat illi fid-9 ta' Diċembru 2020, il-kawża tħalliet għas-sentenza bil-fakolta' tan-noti.

19. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti, ppreżentata fit-12 ta' Jannar 2021. Rat illi l-intimat nomine ma ppreżenta ebda sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

20. Jirriżulta, mill-provi prodotti, jirriżulta illi r-rikorrenti Claudine Tabone, għandha ħanut ġewwa s-Siġġiewi.

21. Jirriżulta illi Ian Mc Kenzie Mc Leod u martu Marion Mc Leod kienu jgħixu ġewwa s-Siġġiewi u, hekk kif fetħet il-ħanut tagħha, bdew jiffrekwentaw il-post tagħha.

22. Jirriżulta illi bejn ir-rikorrenti w il-kopja Mc Leod, żviluppat ħbiberija filwaqt illi r-rikorrenti bdiet tgħin lill-kopja Mc Leod, illi kienu ta' eta avvanzata u kienu morda, fl-affarjiet kollha illi huma kellhom bżonn – dana baqa' sejjer għal madwar sebgħa snin, kif ikkonferma ħu r-rikorrenti, Reuben Tabone.

23. Jirriżulta, mix-xhieda prodotta mir-rikorrenti, illi tul ħajjet Ian u Marion Mc Leod, hija assistiethom f'kull ma kellhom bżonn.

24. Jirriżulta illi, skond ir-rikorrenti, hija kienet tieħu ħsieb issajjrilhom, taħslilhom il-post w il-ħwejjeġ tagħhom, tagħmel ix-xirijiet li kien hemm bżonn u twassalhom kull fejn kien hemm bżonn, inkluż l-Isptar.

25. Jirriżulta, skond ir-rikorrenti, illi meta mietet Marion Mc Leod, hija għenet lill-Ian Mc Leod sabiex hija tintbagħat barra minn Malta u tiġi kremata barra minn Malta.

26. Jirriżulta, dejjem skond ir-rikorrenti, illi meta Ian Mc Leod beda regolarment ikollu bżonn imur l-Isptar għat-trattamenti tal-Kimoterapija, kienet hija l-persuna illi kienet tieħu ħsieb li tieħdu u tiġbru minn hemm u kienet indikata mal-awtoritajiet tal-Isptar, bħala l-persuna responsabbli għalih.

27. Jirriżulta illi, tul iż-żmien kollu, it-tfal ta' Ian Mc Leod, ossija Eun Paul u Nial Mark Mc Leod, kienu jgħixu barra minn Malta u, għajr għal żjajar qosra bħala vaganzi, huma qatt ma kienu Malta jieħdu ħsieb lill-ġenituri tagħhom.

28. Jirriżulta illi, hekk kif Ian Mc Leod kien batut ħafna, riżultat tal-marda tiegħu, huwa mar lura ġewwa l-Ingilterra, w r-rikorrenti assistietu biex jippakkja l-affarjiet kollha biex joħodhom lura miegħu – eventwalment, Ian Mc Leod miet ftit wara, ossija fis-7 ta' Lulju 2016.

**Ikkunsidrat**

29. Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-kawża odjerna tirrigwarda talba għal ħlas dovut lir-rikorrenti mill-eredi ta' Ian Mc Leod għal serviġi reżi a favur ta' Ian Mc Leod.

30. Il-Qorti tosserva wkoll illi, fil-kawża odjerna, għajr għal xhieda prodotti mill-partijiet, ma nġiebu ebda dokumentazzjoni in sostenn ta' dak li ntqal quddiem dina l-Qorti.

31. Il-Qorti tosserva wkoll illi, għalkemm l-intimat jikkontendi li r-rikorrenti ngħatat legat minn Ian Mc Leod fit-Testment ta' l-istess Ian Mc Leod illi sar fis-6 ta' Ġunju 2016,

ma nġiebet ebda prova ta' dan, u ma ġie ppreżentat ebda testment fl-atti tal-kawża odjerna, u filwaqt illi l-intimat jikkontendi li l-legat kien ta' tletin elf Euro (€30,000), fix-xhieda tagħha r-rikorrenti tgħid illi kien attwalment ta' għoxrin elf euro (€20,000) filwaqt illi saħqet illi ebda referenza għal serviġi ma kienet saret, fatt ikkonfermat mill-intimat stess.

32. Il-Qorti tosserva wkoll illi r-rikorrenti ma ppreżentat ebda prospett ta' dak minnha mitlub.

33. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi ma ġie bl-ebda mod kontradett illi r-rikorrenti offriet servizzi kemm lil Ian Mc Leod kif ukoll lil martu Marion Mc Leod. Dana ġie anke kkonfermat mill-unika xhud illi pproduċa l-intimat, apparti lilu nnifsu, ossija Paul Slater, fejn għalkemm ipprova jagħti indikazzjoni illi ma kienx hemm familjarita' bejn Mc Leod u r-rikorrent, indika b'mod ċar li r-rikorrenti tant kienet persuna involuta f'ħajjet il-konjuġi Mc Leod illi semmiha fil-funeral ta' Marion Mc Leod.

34. Il-Qorti tosserva l-assenza ta' kwalsiasi tip ta' prova jew xhieda tal-familjari ta' Ian Mc Leod, partikolarment Eun Paul u Nial Mark Mc Leod, u tasal għall-konklużjoni illi, bħalma kienu assenti fil-kawża odjerna, ċertament kienu ferm aktar assenti fil-ħajja ta' Ian Mc Leod, bir-riżultat illi hija ferm aktar plawsibbli l-verżjoni tal-fatti tar-rikorrenti fejn tistqarr illi l-konjuġi Mc Leod kienu jiddependu fuqha regolarment.

## Kwantum għas-Serviġi

35. Il-Qorti tibda billi tosserva illi ma ngħatat ebda indikazzjoni dwar x'kienet qiegħda tippretendi r-rikorrenti bħala serviġi.

36. Tosserva, madanakollu, illi, kif indikat fis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti, hija tikkontendi illi kienet ilha tassisti lill-konjuġi Ian u Marion Mc Leod għal madwar sitt snin.

37. Jirriżulta illi, tenut kont tas-servizzi indikat mir-rikorrenti li kienu minnha reżi fid-dokument minnha redatt a fol 42 tal-proċess, ir-rikorrenti kienet regolarment tipprovdi varji servizzi lill-konjuġi Mc Leod, fejn ir-rikorrenti kienet punt ta' referenza għall-konjuġi Mc Leod fl-assenza totali tat-tfal eredi intimati fil-proċeduri odjerni, w kienet dejjem a disposizzjoni tagħhom meta kellhom bżonn l-għajnuna, u dana regolarment u frekwentement.

38. Jirriżulta wkoll illi l-konjuġi Mc Leod kienu f'posizzjoni finanzjarja tajba, tant illi jirriżulta, minn dokumentazzjoni ppreżentata mill-intimat nominee stess, illi mument, ftit qabel il-mewt tiegħu, Ian Mc Leod kien ħareġ struzzjonijiet sabiex mitt elf Euro (€100,000) jiġu depositati f'kont bankarju lokali sabiex minnu jitħallsu legati, liema flejjes madanakollu, qatt ma ġew hemm depositati.

39. Jirriżulta illi, kunsidrat il-frekwenza u xorta tas-serviġi reżi mir-rikorrenti, il-mezzi li kellu l-mejjet Ian Mc Leod w il-fatt li r-rikorrenti ma kellha ebda parentela ma' Ian Mc Leod, il-Qorti tqis illi ħlas ta' sitt mitt Euro (€600) fix-xahar għas-servizz minnha reż huwa wieħed ġust u jimmerita li jiġi akkordat, ammont li huwa ferm anqas minn jekk l-konjuġi Mc Leod kienu rikoverati ġewwa xi Dar tal-Anzjani, iżda li jieħu in

konsiderazzjoni l-fatt illi r-rikorrenti ma kinetx addetta mal-konjuġi Mc Leod il-ħin kollu, iżda kienet aċċessibbli kull meta kellhom bżonnha.

40. Tenut kont tal-fatt illi l-Qorti tqis li s-somma ta' sitt mitt Euro fix-xahar (€600) għandha titqies bħala somma ġusta u meritevoli dovuta lir-rikorrenti għas-servizzi minnha reżi kif minnha deskritti u mhux kontrarjati mill-intimat nomine, is-somma dovuta lir-rikorrenti għall-sitt snin, ossija tnejn u sebgħin xahar (72), ta' servizz minnha reż u li għalihom għandha dritt titlob jammonta għal tlieta u erbgħin elf u mitejn Euro (€43,200).

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimat nomine, u għalhekk;

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement;

**Tiddikjara** li r-rikorrenti wettqet serviġi u għajnuna lill-missier l-intimati, Ian McKenzie McLeod u għalhekk jistħoqqilha l-ħlas ta' kumpens għal dak li hija għamlet;

**Tillikwida** l-kumpens mistħoqq għal dawk is-serviġi fl-ammont ta' tlieta u erbgħin elf u mitejn Euro (€43,200);

**Tikkundanna** lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma **tlieta u erbgħin elf u mitejn Euro (€43,200)** bħala l-kumpens hekk likwidat;

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku ta' l-intimat nomine.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**